MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 51/2005

Kawza fil-lista: 16

**ER**
**vs**
**QR**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur ppremetta: li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta’ Mejju 1993; li l-kunsens matrimonjali tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] u [f], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha teccepixxi li hi m’ghandiex responsabbilita’ ghan-nullita’;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-2 ta' Mejju 1993 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qed taqbel li z-zwieg huwa null, izda qed tikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta' Mejju 1993 meta allura l-attur kellu 31 sena u l-konvenuta kellha 22 sena, u wara li kienu ilhom johrogu flimkien circa erbgha xhur ikkuntrattaw zwieg civili, u sena wara zzewgu wkoll fil-Knisja. Minn dan iz-zwieg twieled tifel wiehed.

L-attur jghid li l-ewwel ma ltaqa' kien ma' Mary Fenech li hija omm il-konvenuta f'Catania gewwa Sqallija, l-Italja u li kellhom relazzjoni bil-mohbi ta' zewgha ghal diversi snin. Illi kienet l-istess Mary Fenech li laqghatu ma' bintha l-konvenuta, u hajritu ghaliha.

Illi l-attur issostni li l-konvenuta kellha "*carattere... autoritario*"[1] u jsostni li wara li ltaqet ma' certu Lia bdew il-problemi u beda jissuspetta li kien hemm ragel iehor minhabba il-mod ta' kif kien inbidel il-komportament tal-konvenuta. L-attur segwa lill-martu kif ukoll qabbad investigatur privat sabiex isegwiha u sab li dak li kien qed jissuspetta kien minnu, u li martu kienet fil-fatt qeghda tiltaqa' ma' ragel iehor. Huwa jghid li b'ingann il-konvenut gabitu Malta u wara li waslu qaltlu li kienet ippakkjat l-affarjiet taghha u ta' binhom biss u ma' kienetx ser tirritorna lura mieghu.

[1] Fol. 43 tal-process.

L-atteggjament tal-konvenuta jigi deskritt mix-xhieda bhala li taghti kunfidenzi zejda lill-irgiel. Hu l-attur, Alessandro Blanco, jsostni li hija kienet "*dall-inizio aveva un interesse verso la mia persona, nonostante si stave per fidanzarsi e poi la manifestava anche da sposata... per una scusa o per un'altra, era sempre attaccata a me, dicendomi degl'espressioni che anche una persona stupida capisce che voleva qualcosa da me*"[2]. Oht l-attur, Maria Grazia Blanco, tkompli tikkonferma dan l-atteggjament ta' l-attrici ma' rgiel ohra, "*addirittura un giorno uno di loro giocando a palla in spiaggia si fece male ad un piede e la signora con molta disponibilta` si offri per massaggiargli il piede con un unguento, ma nel massaggiare la caviglia dolente del mal capitato allargo le gambe mettendo il piede del signore in mezzo alle sue gambe*"[3]. Dina l-istess xhud tkompli tispjega kif anke familja li kienet tiffrekwenta l-konvenuta spicca kellha twarraba minhabba l-fatt li kienet tmur ghandhom mhux libsa xieraq.

Minn naha taghha l-konvenuta tghid li l-attur ried iwarrabha minn mal-familja taghha u dan qalulha biss wara li zzewgu bil-Knisja sena wara li kienu kkuntrattaw zwieg civili. Hija ssostni li peress li kien jaf li kellha fidi soda u li Malta ma' kienx hawn divorzju b'hekk ma' setghetx titilqu u kien xtaq li l-familja taghha anqas biss tkun prezenti ghat-tieg. Il-konvenuta ssostni li kellmet sacerdot dwar dawn il-problemi u d-dwejjaq li dan ikkagunalha u "*kien heggigni biex ikollna t-tfal ghax it-tfal isebhu u jsahhu z-zwieg. Sitt xhur wara inqbadt tqila*"[4]. Il-konvenut tispjega kif l-attur kien jizolaha u jhaliha waheda "*kien ibezzani hafna bil-Mafja u kont inzomm lura milli naghmel hbieb godda*"[5].

Il-konvenuta ssostni li l-attur kien vjolenti fil-konfront taghha u li kien jerfa' idu fuqha u dan beda jizdied. Issostni wkoll li "*kull decizjoni li kienet tittiehed bejnietna*

---

[2] Fol. 51 tal-process.
[3] Fol. 54 tal-process.
[4] Fol. 69 tal-process.
[5] Fol. 69 tal-process.

*kellha tkun bil-kunsens ta' missieru inkella ma kien isir xejn.*"[6]

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tirrakkonta wkoll kif il-Kappillan li kienu jikkonsultaw mieghu bhala koppja kien baghat ghaliha "*il-Kappilan kien cempilli u qalli li xtaq ikellimni wahdi. Il-Kappilan kien taghni ktieb mimli ismijiet tan-nisa bin-numri tat-telefon hdejn kull isem. Dan kien tajulu Orazio. Kien dakinhar li jiena kont skoprejt li Orazio kien ihawwad ma' diversi nisa u jiena ddecidejt li z-zwieg taghna kien tkisser irrevokabbilment.*"[7]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr m'gharrfu l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienu inkapaci jghixu flimkien f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku u dan kien ta' impediment serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' mhabba u hajja.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Mejju 1993.

L-ispejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] Fol. 70 tal-process.

[7] Ibid.